tal-Maltin; (e) il-kelma ħafifa u mirquma li biha jinqeda; u (f) il-ħakma li għandu fuq l-ilsien Malti.

"Il-qasam ta' Ġużè Galea fil-letteratura Maltija hi l-proża. Kiteb ukoll xi poeżiji bit-Taljan u bil-Malti. Imma ma jidhirx li l-poeżija hi l-linja tiegħu. Bħala prożatur postu hu l-iktar bħala rumanzier, u bħala rumanzier storiku. Għandu ħafna novelli oħra miktubin tajjeb, bi sfond taż-żminijiet storiċi li minnhom għaddiet Malta fl-aħħar gwerra kbira.

"Jekk tħalli barra lil Ġużè Galea mill-istorja tal-Letteratura Maltija tkun ħallejt barra waħda mill-kolonni kbar tagħna. Ġużè Galea għandu n-niċċa tiegħu fil-'pantheon' tan-nies letterati Maltin li ħadd minnha ma jista' jaqilgħu, mingħajr ma jagħmel għajb kbir lilna l-Maltin, li b'hekk inkunu nidhru li ma nafux napprezzaw lin-nies kbar tagħna".

## AKKADEMJA TAL-MALTI

**(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)**

**(Imwaqqfa fl-14 ta' Novembru, 1920)**

**IL-KUNSILL MAĦTUR GĦALL-1980/81**

**Presidenti Onorarji:** Prof. Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), F.R.A.S.; Gino Muscat Azzopardi; Kav. Salv. Gatt.

**President:** Dr. Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A., D.P.A.
155, Triq it-Teatru, Valletta. Tel. 22091

**Viċi-President:** Ġużè Diacono, P.L.
116, Triq ix-Xatt, tal-Pietà

**Segretarju:** Emmanwel F. Attard
1, Silvio Flats, Triq S. Filippu, Birżebbuġa. Tel. 828641

**Teżorier:** Patri J. Azzopardi, S.J.
Kulleġġ S. Alwiġi, B'Kara

**Segretarju Relazzjonijiet Pubbliċi:** Anton Agius Muscat

**Ass. Segretarju:** Patri Alf. Previ, O.P., B.A.

**Membri:** Patri D. Fenech, B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), M.A., Ph.D. (Leeds), O.S.A.; Anton Grasso, Mary Rose Gatt, B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), M.A.; Patri J.M. Ghigo, S.J.; Pawlu Aquilina, Alfie Guillaumier, Pawlu Mifsud.



## IL-FONDAZZJONI ĠUŻE' GALEA

Fl-11 ta' Novembru, 1971 il-Kunsill ta' l-Università laqa' t-talba tal-Professur Ġużè Galea biex ta' kull sentejn tingħata konferenza fuq suġġett ta' interess xjentifiku u letterarju għall-Ilsien Malti li għaliha hu offra s-somma ta' £M400.

Il-ftehim kien li din is-somma tintefaq f'kotba għall-"Melitensia" tal-Librerija ta' l-Università, filwaqt li l-Kunsill iddeċieda li l-Università toħroġ is-somma ta' £M50 kull sentejn għall-ispejjeż ta' din il-konferenza magħrufa bħala "Konferenza Ġużè Galea" (Ġużè Galea Lecture).

Il-Konferenza ssir fuq xi aspett ta' l-Ilsien Malti jew xi suġġett ieħor li jkollu x'jaqsam mal-Malti minn xi persuna speċjalizzata fis-suġġett, kienet x'kienet il-lingwa tiegħu. L-iskop hu li l-istudju tal-Malti u s-suġġetti li huma marbuta miegħu jimxi 'l quddiem permezz tar-riċerka xjentifika.

Il-Konferenzi li saru s'issa kienu dawn:

1973 — Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Londra), F.R.A.S.:
**L-Ilsien Malti — Arkivju ta' l-Istorja ta' Malta.**

1975 — Rev. Mons. Prof. C. Sant, B.A., D.D., S.S.D.:
**It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti: 1819-1850**

1977 — Prof. P. Cachia, M.A., Ph.D.:
**Tradition, Imitation and Originality in Poetry: The Example of the Modern Arabs.**

1979 — Ġ. Cassar Pullicino, A.L.A.:
**Skunġrar u Orazzjoni fil-Poeżija Popolari Reliġjuża f'Malta.**

Kmieni din is-sena l-Kumitat **ad hoc,** taħt il-presidenza tar-Rettur ta' l-Università, iddeċieda li jsiru żewġ "Konferenzi Ġużè Galea" — waħda f'Settembru li ġej, minn Dr. Wallace P. Gulia, LL.D., B.A., M.A. (Admin.) (Manchester), D.P.A. (Lond.) u l-oħra kmieni s-sena d-dieħla (1983) minn Dr. Albert J. Borg, B.A. (Hons.), D.Litt. (Roma), Ph.D. (Edinburgh).

Is-suġġett magħżul minn Dr. Gulia huwa: **Il-Post ta' Ġużè Galea fil-Letteratura Maltija.**

L-EDITUR